MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Numru. 856/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**

**vs**

**Raymond Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 0439365(M).

Akkuzat talli fi 30 ta' Lulju 2010 gewwa Misrah Carlo Diacono, Zejtun:-

a) Volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta', Mario Enriquez u dan kif iccertifika minn Dr. Caruana MD, Reg. Nru: 2069 tac-Centru tas-Sahha Paola u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

b) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorità kompetenti u cioè fuq il-persuna fuq il-persuna ta' Mario Enriquez fil-kapacità tieghu bhala ufficjal mal-ADT ai terminu tal-artikoli 92, u 96 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

c) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezza' fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioè fuq il-persuna tal-Istess ufficjal tal-ADT imsemmi fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

d) U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb ghall-istess ufficjal pubbliku msemmi sabiex jingurja jew jaghmel xi hsara lill-istess ufficjal pubbliku dan ai terminu tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Ufficjal ta' ADT jew ma halliex jew fixklu waqt li kien qed jaghmel dmirijietu, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lilu jaghmel dak li b'ligi kien ordnat li jaghmel u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-Ufficjal tal-ADT bhala Awtorità kien ghamel u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

f) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

g) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

h) l-Qorti giet mitlba illi f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurtà tal-Imsemija Ufficjal Pubbliku imsemmi kif jidhrilha xieraq skont l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

i) U aktar talli b’hekk, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi renda ruhu recidiv b’sentenzi li saru defenittivi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati ta’ Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artiklu 533 Tal-Kap. 9 Tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi tratta bi procedura sommarja, u l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief ghall-addebitu tar-recediva, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista jirregola ruhu.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Settembru 2011, fejn semghet lill-parte civile Mario Enriquez li irtira l-ewwel akkuza kif dedotta fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 221, 92, 96, 95, 339(d) 338(ee) u (dd) u 342, qed issib lill-imputat Raymond Galea hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba’, l-hames, is-seba’ u t-tmien akkuzi kif dedotti kontrih u stante li t-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt, is-seba’ u t-tmien akkuza huma assorbiti fit-tieni akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qeghda tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) filwaqt li tilliberah mill-ewwel akkuza stante rinunzja u mill-akkuza tal-addebitu tar-recediva stante li ma gietx ippruvata.

Finalment fi kliem semplici spjegat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------